A.L. 60 ta' l-1988

ORDINANZA DWAR IL-PROVVISTA TA' L-ILMA (KAP. 22)

Regolamenti ta' l-1988 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Fornitura ta' l-Ilma

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 15 ta' l-Ordinanza dwar il-Provvista ta' l-Ilma, il-Ministru għall-Iżvilupp ta' l-Infrastruttura, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1988 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Fornitura ta' l-Ilma u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1948 dwar il-Fornitura ta' l-Ilma, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". G.N. 133 ta' l-1948.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu, dwar kull konsumatur, minnufih wara l-ewwel qari ta' l-arloġġ ta' l-ilma relattiv wara l-ewwel ta' Lulju, 1988:

Iżda, meta xi arloġġ bħal dak ma jkunx moqri minħabba li l-qarrej ta' l-arloġġi ma jkollux aċċess għalih meta jmur għand il-konsumatur għal hekk f'xi ġurnata, dawn ir-regolamenti għandhom, dwar dak il-konsumatur, jibdew iseħħu minn dik il-ġurnata.

Jemenda t-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. It-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) il-paragrafu (ħ) tagħha għandu jiġi indikat mill-ġdid bħala l-paragrafu (i); u

(b) minnufih wara l-paragrafu (ġ) tagħha għandu jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(ħ) Għat-tqegħid ta' arloġġ u konsum ta' ilma f'*boathouse*, fi ġnien, f'għalqa, f'kamra jew f'xi fond, li ma jkunx residenza tas-sajf, u li ma jkunx primarjament użat bħala residenza abitattiva matul is-sena, f'kejl sa 10 m^3 ..... Lm7

għal kull kejl ta' iżjed minn 10m^3 iżda ta' mhux iżjed minn 57 m^3 ..... Lm1 kull 1 m^3

għal kull kejl ta' iżjed minn 57 m^3 Lm1.25c kull 1 m^3".